# Kif timmaġina Betlehem tal-imgħoddi?!



Wieħed mill-ħbieb li laqqgħuni magħhom il-Milied u l-imħabba għall-presepju huwa Sandro Farrugia, magħruf biżżejjed għall-presepju kbir li kull sena jesebixxi fis-sede tal-Każin tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa. Din is-sena l-presepju prinċipali li ħadem, minn Ħal Luqa qabad triqtu lejn il-Belt Valletta u se jkun esebit fid-daħla tal-Parlament. Din l-inizjattiva fl-aħħar sentejn, tal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, hija tassew ta' min ifaħħarha! Ma kienx hemm bżonn nitlob intervista lil Sandro għax kien diġà stedinni xi darbtejn biex inżuru ħa nara x-xogħol kif inhu għaddej. Sandro jgħidli li jaf in-namra tiegħu lejn il-presepju lill-mibki missieru Baskal, li kull sena kien jaħdem presepji żgħar ta' qies madwar metru. Il-Mużew ta' Ħal Luqa laqqgħu ma' Tusè Mallia li kien jaħdem il-grotti tal-kartapesta. Meta tfarfar, beda jitħajjar jaħdem presepju kbir. B'dan il-ħsieb f'moħħu, talab lill-veteran tal-presepji Joe Theuma biex ilaqqgħu ma' Lawrence Baldacchino miż-Żejtun, li jaħdem il-pasturi u intervistajtu għall-edizzjoni tas-sena li għaddiet.

Għall-ewwel presepju kbir tmien piedi bi tmienja, Lawrence kien ħadimlu 15-il pastur. Illum għandu madwar 90 pastur li jvarjaw fil-qies minn 10 sa 20cm biex ikun jista' joħloq il-prospettiva. Din hija s-seba' darba li Sandro qed jesebixxi





presepju kbir għall-pubbliku. Is-sena l-oħra l-Ambaxxatur Malti għas-Santa Sede Frank Zammit ħajru biex jesebixxi l-presepju fil-Parlament u huwa aċċetta. Fl-istess ħin se jżomm l-appuntament ukoll Ħal Luqa b'wirja ta' presepji. Nistaqsi lil Sandro x'inhuma l-bażijiet biex joħloq presepju kbir u jsemmili l-injam, il-jablo, l-expanding foam, il-ġibs Ingliż u dak verġni u ż-żebgħa tal-pigmenti. Normalment jibda jaħdem fuq il-presepju għal Awwissu/Settembru. Nistaqsih minn fejn iġib l-ispirazzjoni biex joħloq presepju kull sena u jgħidli li l-ambizzjoni li joħloq xi ħaġa ġdida żżommu għaddej. Jieħu gost jimmaġina Betlehem tal-imgħoddi u l-istil tiegħu m'għandniex xi ngħidu, huwa dak bibliku. Sandro spiss jaħdem bosta mill-aċċessorji li jagħtu l-ħajja lill-presepju, bħad-djar, bibien u siġar. Ħuh jgħinu fid-dawl u magħhom jingħaqdu l-mara u t-tfal fl-aħħar fażijiet.

L-għajnuna meħtieġa ma tonqosx. Fl-aħħar snin, Sandro introduċa kunċett ġdid għall-presepji f'Malta. Jista' jitqies bħala pijunier tas-sema pproġettat għall-presepju, u dan għax xtara programm li jinkludi tlugħ u nżul ix-xemx, binhar u billejl, sħab għaddej u l-kewkba! Il-wirjiet ta' Sandro se jkunu miftuħa għall-pubbliku hekk: Tal-Parlament mis-7 ta' Diċembru 2019 sas-7 ta' Jannar 2020 mill-10am sal-10pm u dik fil-Każin Unjoni ta' Ħal Luqa mill-15 ta' Diċembru 2019 sat-2 ta' Jannar 2020.